**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-5 ta' Ottubru, 2018**

**Rikors nru: 183/18 AGV**

A
Vs
B

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrentipprezentat fl-10 ta' Lulju, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

Illi l-partijiet izzewwgu nhar it-12 ta' Marzu, 1988 fil-Knisja Parrokkjali tal-Furjana, San Publiju (anness u mmarkat Dokument A).

Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr.Reuben Debono nhar is-16 ta' Mejju, 2018 (Anness u mmarkat Dokument B).

Illi *de facto* il-partijiet ilhom iktar minn erba' snin ma jghixu flimkien u dan qabel ma bdew il-proceduri ta' separazzjoni bejniethom.

Illi m'hemm l-ebda kwistjonjiet jew pretensjonijiet bejn il-partijiet fir-rigward il-manteniment li r-rikorrenti jghaddi mensilment lill-martu.

Illi m'hemmx tama ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tippronunzja l-hall taz-zwieg ossia divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66D (2) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra r-risposta tal-intimata li eccepiet:-

1. Illi ghalkemm ma taqbilx mal-istitut tad-divorzju tikkonferma illi:-

(a) Il-partijiet izzewwgu nhar it-12 ta' Marzu, 1988 fil-Knisja Parrokkjali tal-Furjana, San Publiju;

(b) Fiz-zmien illi l-partjiet isseparaw legalment minn ma' xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat 16 ta' Marzu, 2018 fl-atti tan-Nutar Dottor Reuben Debono, anness mar-rikors promotur, il-partijiet kienu gja ilhom iktar minn erba' snin separati *de facto* minn ma' xulxin.

(c) Ma hemm l-ebda tama ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

(d) Il-manteniment illi qiedgha tircievi l-esponenti skond il-kuntratt ta' separazzjoni personali tal-partijiet hawn fuq imsemmi, huwa adegwat, tenut kont tac-cirkostanzi, u qieghed jithallas puntwalment.

2. Illi l-esponenti tipprotesta l-ispejjes billi dawn il-proceduri gew istitwiti fuq inizjattiva tar-rikorrenti.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi pprovaw illi l-partijiet ilhom *de facto* sseparati ghal aktar minn erba' snin u sseparaw legalment fis-16 ta'

Mejju, 2018 b'kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dr. Reuben Debono. Illi r-rikorrenti ppruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' t-talba tar-rikorrent u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66D (2), wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.
2. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata.

L-ispejjes jibqghu bla taxxa.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**